MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. MĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Illum 13 ta' Ġunju, 2016

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 700/2016 LM

**Dr Douglas Aquilina ID 162790(M), u Dr Mark Attard Montalto ID 220073M, u Dr Noella Sciriha ID 15164(M) bħala prokuraturi speċjali għan-nom ta' Dr Kaled Ali Ahmed Kagigi (Passaport Libjan numru FRR7JZ05)**

**vs.**

**(1) LPTIC Services Limited (C-68876)**
**(2) Rajab Fawzi R Ben Rajab (Passaport Libjan Numru RFKZK59)**
**(3) Faisel Ahmed Gergab (Passaport Libjan Numru 207552-2009)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Dr Douglas Aquilina, Dr Mark Attard Montalto u Dr Noella**

**Scriha nomine bħala prokuraturi speċjali għan-nom ta' Dr Kaled Ali Ahmed Kagigi (Passaport Libjan numru FRR7JZ05) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent")** ippreżentat fid-9 ta' Mejju, 2016 u li ġie nnotifikat lill-intimati fit-12 ta' Mejju, 2016, fejn talab il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Mandat") għar-raġunijiet li ġejjin:

*"Illi l-esponent għandu interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponent.*

*Illi l-esponent, sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, jixtieq iżomm l-intimati milli:*

*Jipproċedu bl-Extraordinary General Meeting tat-13 ta' Mejju, 2016 tal-kumpannija intimata LPTIC Services Limited (C 68876) u sabiex ma jkun hemm ebda tibdil fl-amministrazzjoni tal-istess kumpannija proprjetà tal-Gvern Libjan. Din is-soċjetà intimata hija single member company, interament proprjetà tas-soċjetà Libyan Post Telecommunications and Information Technology Holding Company (66690), liema kumpanija hija proprjetà tal-Gvern Libjan u dan in vista ta' żewġ riżoluzzjonijiet mogħtija mill-Kunsill Presidenzjali tal-Gvern Libjan tat-12 ta' Jannar, 2016 (anness dok KK17 u KK17A mar-rikors ġuramentat anness) u tal-4 ta' Mejju, 2016 (anness dok KK18 u KK18A mar-rikors ġuramentat anness).*

*Illi l-ewwel riżoluzzjoni tat-12 ta' Jannar, 2016 tordna li ebda entità governattiva ma tista' tbiddel l-amministrazzjoni tagħha jew ta' entitajiet taħt il-kontroll tagħha, mentri r-riżoluzzjoni tal-4 ta' Mejju, 2016 tordna li temporanjament m'għandhom ikun hemm ebda Annual General Meetings jew Extraordinary General Meetings ta' entitajiet li huma proprjetà tal-Gvern Libjan.*

*Illi dak li qiegħed jintalab mill-intimati permezz tad-dokument dok KK16 anness ukoll mar-rikors ġuramentat datat 26 ta' April, 2016 imur kontra*

*l-ordni tal-Gvern Libjan u għalhekk qiegħed jintalab mandat ta' inibizzjoni opportun stante l-fatt li din il-kumpannija intimata hija proprjetà intiera tal-Gvern Libjan u li dak li l-intimati qegħdin jitolbu jmur kontra l-ordni ċara u tassattiva tal-Gvern Libjan.*

*Illi oltre hekk ir-retroxena ta' dan kollha ġara wara skontri li nqalgħu rigward malamministrazzjoni tal-konvenuti fil-holding company Libjana, u dan kif spjegat iktar dettaljatament fir-rikors ġuramentat anness ma' dan il-mandat. Illi konkorrentement ma' dan il-mandat ta' inibizzjoni, ġie ppreżentat dan ir-rikors ġuramentat mill-istess attur.*

*Għalhekk in vista ta' dak kollu spjegat u kif spjegat ulterjorment fir-rikors ġuramentat, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati ai termini tal-Artikoli 873 et seq tal-Kap 12 sabiex twaqqaf b'mod temporanju u sakemm jinħareġ digriet ieħor tal-Gvern Libjan, li jissejħu extraordinary general meeting u/jew annual general meeting u/jew isir xi tibdil fl-amministrazzjoni tal-kumpannija intimata LPTIC Services Limited (C 68876) u dan taħt dawk il-provvedimenti kollha opportuni u neċessarji li din il-Qorti tħoss li huma idoneji fiċ-ċirkostanzi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati.*

*Illi l-esponent se jiġi ppreġudikat jekk l-intimati ma jiġux inibiti kif ingħad.*

*Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżomm lill-intimati milli jkomplu jagħmlu l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.".*

Rat id-digriet tagħha tad-9 ta' Mejju, 2016[1] fejn wara li rat l-Artikolu 875(2) tal-

[1] Fol. 151.

Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, laqgħet it-talba tar-rikorrent provviżorjament u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri.

Rat ir-Risposta tal-intimati **LPTIC Services Limited (C68876), Rajab Fawzi R Ben Rajanb (Passaport Libjan numru RFKZK59)** u **Faisel Ahmed Gergab (Passaport Libjan Numru 207552-2009)** (minn issa 'l quddiem "l-intimati") ippreżentata fiż-17 ta' Mejju, 2016 li tgħid kif ġej:

*"Illi ir-rikorrent jispjega li s-soċjetà esponenti hija single member company, interament proprjetà tas-soċjetà Libyan Post Telecommunications and Information Technology Holding Company (66690), liema kumpannija hija proprjetà tal-Gvern Libjan.*

*Illi r-raġunijiet għaliex din l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' t-talba tiegħu, kif mogħtija minnu stess huma żewġ riżoluzzjonijiet allegatament maħruġa mill-Kunsill Presidenzjali tal-Gvern Libjan u ċioè:*

*i. Riżoluzzjoni tat-12 ta' Jannar, 2016 li allegatament tordna li ebda entità governattiva ma tista' tbiddel l-amministrazzjoni tagħha jew ta' entitajiet taħt il-kontroll tagħha.*

*ii. Riżoluzzjoni tal-4 ta' Mejju, 2016 li allegatament tordna li temporanjament m'għandhom ikun hemm ebda Annual General Meetings jew Extraordinary General Meetings ta' entitajiet li huma proprjetà tal-Gvern Libjan.*

*Illi a bażi ta' dawn iż-żewġ riżoluzzjonijiet l-attur qed jitlob li l-intimati u ċioè kumpannija reġistrata ġewwa u skont il-liġijiet ta' Malta kif ukoll żewġ diretturi wkoll regolati mill-Liġijiet ta' Malta jiġu mwaqqfa milli*

*jsejħu Extraordinary General Meetings u/jew ibiddlu l-amministrazzjoni ta' kumpannija Maltija peress illi din hija 'proprjetà intiera tal-Gvern Libjan' u li dak li qed jitlobu l-esponenti jmur kontra ordni ċara u tassativa tal-Gvern Libjan.*

***PRINĊIPJI LEGALI***

1. *Illi l-proċedura ttentata mir-rikorrent hija bbażata fuq l-Artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi fis-sub-artikolu 2 is-segwenti:*

   *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti,* ***u*** *li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

2. *Illi l-għan tat-talba odjerna għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni hija li żżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat, u għal dan il-għan ir-rikorrenti jrid jipprova li mad-daqqa t'għajn (<u>prima facie</u>) huwa għandu dan il-jedd, u li tali mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tiegħu, b'dan li jkun hemm il-biża' li jekk ma jinħariġx tali mandat id-dritt tar-rikorrenti jintilef għal dejjem.*

3. *Illi għalhekk jidher ċar li l-elementi rikjesti sabiex jiġi spedit Mandat ta' Inibizzjoni huma: -*

*(a) Illi jkun jidher "<u>prima facie</u>" li min jitlob il-ħruġ tal-mandat għandu d-dritt li jimpedixxi li ssir xi ħaġa li biha jista' jirrekalu ħsara jew molestja;*

*(b) Id-dritt huwa neċessarju biex jiġi konservat id-dritt tar-rikorrenti, u mhux sempliċiment biex jiġu evitati danni, li jistgħu dejjem jiġu kwantifikati u rimedjati b'azzjoni <u>ad hoc</u>.*

*Dawn il-kondizzjonijiet huma kumulattivi.*

4. *Illi il-proċedura bil-mandat ta' inibizzjoni hija waħda ta' natura eċċezzjonali u l-Qorti fil-konsiderazzjoni tal-istess għandha tiddeċiedi mhux il-mertu tal-kwistjoni, iżda biss fuq bażi ta' <u>prima facie</u> u dan stabbilit b'mod oġġettiv; li l-intimat ikun qed jagħmel atti li qed jikkawżaw ħsara lir-rikorrenti, u jekk ma jinħariġx tali mandat id-drittijiet tar-rikorrenti jiġu irrimedjabbilment preġudikati.*

***APPLIKATI IL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-FATTI***

***Il-Jedd Pretiż***

5. *Illi r-rikorrent qed jibbaża t-talba tiegħu għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fuq il-fatt illi, skont hu, jeżistu riżoluzzjonijiet maħruġa mill-Presidential Council of the National Unity Government, li jordnaw li ebda entità governattiva ma' tista' tbiddel l-amministrazzjoni tagħha jew ta' entitajiet taħt il-kontroll tagħha u li temporanjament m'għandhom ikun hemm ebda Annual General Meetings jew Extraordinary General Meetings ta' entitajiet li huma proprjetà tal-Gvern Libjan.*

6. *Illi huwa ċar illi dak li qed jgħid ir-rikorrent hu li jekk is-soċjetà esponenti, u ċioè soċjetà reġistrata f'Malta u mmexxija skont il-liġijiet u regoli ta' Malta, din tkun potenzjalment qed tmur kontra riżoluzzjoni/jiet tal-Gvern Libjan.*

7. *Illi l-ewwel u qabel kollox għandu jingħad illi mill-provi prodotti sa issa jidher li d-dokumenti li r-rikorrent ipproduċa insostenn tal-pretensjonijiet allegati minnu mhumiex ammissibbli bħala prova f'dawn il-proċeduri stante li ma ġewx awtentikati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 628 tal-Kap. 12. Illi għalhekk huwa impossibbli li wieħed jasal biex jivverifika l-awtentiċità jew inqas tal-istess dokumenti.*

8. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jiġi sottomess illi l-attur m'għandu l-ebda mandat illi jirrappreżenta il-Gvern Libjan f'dawn il-proċeduri.*

9. *Illi s-soċjetà esponenti hija persuna distinta mill-membri tagħha u hija entità mwaqqfa taħt ir-regoli u liġijiet ta' Malta. Dak li qed jintalab l-inibizzjoni tiegħu mhuwa xejn ħlief il-qadi tal-funzjonijiet leġittimi skont il-liġi tas-soċjetà esponenti taħt il-liġijiet Maltin. L-azzjonisti tas-soċjetà esponenti, illi wieħed irid ifakkar mhuwiex il-Gvern Libjan, għandha skont il-liġi Maltija u l-Memorandum u Articles of Association tal-istess soċjetà, is-setgħa illi tinnomina u/jew tneħħi diretturi illi huma responsabbli għall-amministrazzjoni tal-istess soċjetà.*

10. *Illi s-sejħa ta' laqgħa ġenerali tal-azzjonisti huwa dritt u funzjoni leġittima provvduta mil-liġi Maltija illi hija l-liġi applikabbli inkwantu*

*s-soċjetà de quo hija mwaqfa u regolata skont il-liġijiet Maltin. Ċerti deċiżjonijiet tas-soċjetà jinneċessitaw l-approvazzjoni/riżoluzzjonijiet tal-laqgħa ġenerali u konsegwentement kull provvediment illi jwaqqaf tali dritt mhux biss imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli jżda wkoll jippreġudikaw l-eżistenza tal-istess soċjetà.*

11. *Illi l-Artikolu 140(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi b'mod espliċitu d-dritt ta' soċjetà illi tneħħi direttur, u dan permezz ta' riżoluzzjoni mgħoddija mil-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti. Illi għalhekk is-sejħa għal laqgħa ġenerali tat-13 ta' Mejju, 2016 sabiex tiġi diskussa riżoluzzjoni għat-tneħħija tar-rikorrent minn direttur hija* (recte) *għalkollox leġittima. Mhux talli hekk talli sub-inċiż (2) tal-imsemmi Artikolu 140 jipprovdi espressament illi tali dritt jiżboq fuq kwalunkwe ftehim li jista' jkun hemm illi b'xi mod imur kontra dak stipulat fl-Artikolu 140 sub-inċiż (1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.*

12 *Illi kwalunkwe rappreżentazzjoni illi ir-rikorrent jista' jkollu sabiex ma jitneħħiex minn din il-kariga għandu jagħmilha fil-laqgħa ġenerali u dan kif ipprovvdut mil-liġi. Finalment hija l-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti illi għandha d-diskrezzjoni finali jekk tneħħix l-imsemmi direttur jew le u dan wara li tkun semgħet ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu. Kif tipprovdi l-liġi, kull deċiżjoni dwar it-tneħħija ta' direttur mill-kariga tiegħu hija mingħajr preġudizzju għad-dritt tiegħu illi jfittex għad-danni riżultanti mill-imsemmija terminazzjoni.*

13. *Illi għalhekk minn dak suespost isegwi illi l-uniku jedd li jista' jkollu r-rikorrent qua direttur illi b'xi mod jista' jiġġustifika l-ħruġ tal-Mandat odjern huwa jekk b'xi mod il-proċedura kontemplata fl-Artikolu 140 tal-Kap 386 mhux qiegħda tiġi osservata. Jidher illi r-rirkorrent*

*mhuwa qiegħed iressaq l-ebda lanjanza dwar il-formalitajiet segwiti għas-sejħa tal-laqgħa de quo. Illi għalhekk ir-rikorrent huwa nieqes minn kwalunkwe jedd illi fuqu jista' jibbaża t-talba tiegħu għall-ħruġ ta' dan il-Mandat.*

14. *Illi r-referenza għar-riżoluzzjonijiet maħruġa mill-Presidential Council of the National Unity Government huwa b'kull rispett irrilevanti partikolarment fl-eżerċizzju illi trid tagħmel din l-Onorabbli Qorti fl-ambitu ta' dan il-Mandat.*

15. *Illi l-esponenti jissottomettu bl-akbar rispett illi dak illi għandha tistħarreġ din l-Onorabbli Qorti, għall-inqas fuq livell prima facie, huwa jekk il-proċedura kif stabbilita kemm fil-Memorandum u Articles of Association kif ukoll il-liġi Maltija li tirregola s-soċjetà esponenti ġietx segwita. F'każ illi jirriżulta li tali proċedura ġiet segwita, ma għandu jkun hemm l-ebda raġuni għaliex is-soċjetà esponenti kif ukoll id-diretturi fl-istess soċjetà għandhom jiġu mwaqqfa milli jipproċedu fil-qadi ta' dmirjiethom.*

16. *Illi l-fatt hu li waqt laqgħa tad-diretturi tas-soċjetà esponenti li saret nhar is-26 ta' April, 2016, ġewwa l-uffiċċju tal-LPTIC Services Limited, liema laqgħa ġiet msejħa mir-rikorrent stess, ġie deċiż illi wara talba illi saret permezz ta' ittra datata 17 ta' April, 2016 mill-uniku azzjonist tas-soċjetà esponenti u ċioè l-Libyan Post, Telecommunication and Information Technology Holding* (recte) *Company, tiġi msejħa laqgħa staordinarja ta' LPTIC Services Limited. Din il-proċedura saret skont Artikolu 38 tal-Memorandum & Articles of Association tas-soċjetà illi taghmel riferenza għall-proċedura msemmija f'Artikolu 129 tal-Kap. 386 tal-liġijiet ta' Malta u ċioè:*

- *Illi talba għal laqgħa ssir minn membru jew membri tal-kumpannija li jkollhom fid-data tal-konsenja tat-talba mhux anqas minn għaxra waħda minn dak il-kapital azzjonarju imħallas tal-kumpannija (is-soċjetà esponenti għandha mija fil-mija tal-kapital azzjonarju) li fid-data tal-konsenja jagħti l-jedd għall-vot f'laqgħat ġenerali tal-kumpannija;*

- *Illi id-diretturi tal-kumpannija, fi żmien wieħed u għoxrin jum mid-data tal-konsenja tat-talba, għandhom jipproċedu minnufih kif jixraq sabiex isejħu laqgħa ġenerali straordinarja tal-kumpannija, liema laqgħa ssejħet f'laqgħa tad-diretturi tas-soċjetà esponenti miżmuma nhar is-26 ta' April, 2016, ġewwa l-uffiċċju tal-LPTIC Services Limited, liema laqgħa ġiet imsejħa mir-rikorrent stess.*

- *Illi is-soċjetà esponenti ffisat din il-laqgħa għat-13 ta' Mejju, 2016 fl-10.00 ta' filgħodu ġewwa l-uffiċċju tal-LPTIC Services Limited, u meta ġiet deċiża din id-data mill-bord tad-diretturi fl-imsemmija laqgħa, kien ukoll preżenti ir-rikorrenti fil-kapaċità tiegħu ta' direttur, u ġie ukoll innotifikat b'din il-laqgħa u l-aġenda ta' din il-laqgħa permezz ta' ittra li saret u li ngħatatlu fl-istess laqgħa, kif ġew ukoll infurmati b'din il-laqgħa dawk il-persuni kollha illi għandhom jiġu infurmati skont il-Memorandum & Articles of Association tal-istess soċjetà.*

- *Illi l-rikorrenti ngħata avviż bil-miktub tal-laqgħa ta' mill-anqas erbatax-il jum ai termini tal-Artikolu 130 tal-Kap. 386 tal-liġijiet ta' Malta.*

17. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegati riżoluzzjonijiet jirreferu għall-entitajiet li huma proprjetà tal-Gvern Libjan. Illi tali riżoluzzjonijiet ma jirreferu bl-ebda mod għal entitajiet sussidjarji tagħhom. Is-soċjetà esponenti mhijiex proprjetà diretta tal-Gvern Libjan u għalhekk tali riżoluzzjonijiet ma japplikawx għaliha. Illi anke li kieku wieħed kellu jargumenta illi tali riżoluzzjonijiet japplikaw għall-entitajiet sussidjarji bħalma hi s-soċjetà esponenti, tali riżoluzzjoni tagħmel stat fil-konfront tal-azzjonista tas-soċjetà esponenti inkwantu l-poter illi wieħed jagħmel tibdiliet fl-istruttura/amministrazzjoni tal-kumpanija huwa vestit skont il-liġi Maltija interament fuq l-azzjonisti/membri tal-kumpannija. Illi għalhekk isegwi illi r-rikorrenti qua direttur m'għandu l-ebda interess ġuridiku illi jenforza tali riżoluzjonijiet. Semmai, jekk teżisti l-possibbiltà illi wieħed jenforza tali allegati riżoluzzjonijiet li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-liġi ta' Malta, huwa l-Gvern Libjan illi għandu tali interess u żgur mhux ir-rikorrent illi huwa biss uffiċjal illi jiddependi mill-fiduċja tal-azzjonisti tas-soċjetà esponenti.*

18. *Illi a bazi ta' dak su ċitat jidher b'mod ċar illi l-azzjonisti għandhom ikollhom kull dritt, għall-inqas b'mod <u>prima facie</u>, illi jsejħu dawk il-laqgħat u jieħdu dawk id-deċiżjonijiet li hemm bżonn sabiex is-soċjetà tkun tista' titmexxa u l-interessi tal-istess jiġu protetti skont il-liġi.*

19. *Illi għalhekk a bazi tal-argumentazzjonijiet sollevati mir-rikorrenti stess fir-rikors tiegħu, huwa nieqes mill-jedd meħtieġ sabiex jiġi ġġustifikat l-ħruġ tal-mandat odjern.*

***Irrimedjabbilità***

20. *Illi mir-rikors odjern mhuwiex ċar x'inhuwa l-preġudizzju irrimedjabbli illi r-rikorrent qiegħed jallega illi ser ibati f'każ illi dan il-Mandat ma jintlaqax b'mod definittiv.*

21. *Illi f'dan l-istadju, anki li kieku kellha tissejjaħ laqgħa, ir-rikorrent ikollu kull dritt illi jressaq id-difiża tiegħu u jinstema' mill-azzjonisti, u f'każ illi l-laqgħa kellha tipproċedi biex huwa jitneħħa minn direttur, huwa għandu r-rimedji kollha previsti mil-liġi u anki jitlob il-ħlas tad-danni.*

22. *Illi f'dan ir-rigward hija ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati illi t-tielet rekwiżit għall-ħruġ tal-mandat (ċioè li l-mandat ikun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent) mhuwiex sodisfatt f'każ illi l-preġudizzju soffert mir-rikorrenti jista' jiġi sanat bil-ħlas ta' danni. Dan għaliex ir-rikorrent għandu l-ewwel nett iġib prova illi l-ħruġ tal-mandat huwa tassew meħtieġ - jekk ir-rikorrenti jkollu rimedju eventwali permezz ta' kawża għal danni ma jkollux jedd li jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.*

23. *Illi, li kieku kellu jintlaqa' dan il-Mandat b'mod definittiv, l-effetti tiegħu ser joħlqu paraliżi fis-soċjetà esponenti u dan peress illi hija tiġi mwaqqfa milli ssejjaħ il-laqgħat rikjesti mil-liġi nostrana sabiex*

*din tkun tista' topera, fatt illi joħloq dannu ferm akbar lis-soċjetà esponenti stess.*

*Għaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost, dan il-Mandat għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra ir-rikorrenti.".*

Rat l-atti kollha tar-rikors inklużi d-dokumenti esebiti.

Semgħet ix-xhieda tal-intimat **Rajab Bin Rajab**[2], tal-*company secretary* tas-soċjetà intimata **Nahed Shubar**[3], u tar-rikorrent **Dr Kaled Ali Kagigi**.[4]

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jitrattaw ir-rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Ġunju, 2016 fejn ir-Rikors tħalla għall-provvediment kamerali.

**Ikkunsidrat:**

[2] Fol. 302 et seq.
[3] Fol. 308 et seq.
[4] Fol. 311 et seq.

**Il-fatti kif dikjarati mill-partijiet**

Bħala retroxena għal din il-proċedura hemm is-sitwazzjoni mqallba u instabbli fil-pajjiż ġar tagħna il-Libja, b'diversi gvernijiet u fazzjonijiet rivali għal xulxin. Konsegwenza ta' din il-ġrajja mill-aktar traġika, minn dak li ġie mistqarr mir-rikorrent, għaddejja wkoll taqbida għall-kontroll u t-tmexxija tas-soċjetà intimata, kumpannija reġistrata f'Malta bil-kapital tagħha proprjetà mija fil-mija ta' holding company Libjana li bħala azzjonista uniku tagħha għandha il-Ministeru tat-Telekomunikazzjonijiet tal-Gvern Libjan. Il-qofol tal-kwistjoni kollha bejn il-partijiet f'din il-proċedura fl-aħħar mill-aħħar jirrivolvi preżumibbilment madwar liema mill-gvernijiet rivali fil-Libja suppost li għandu kontroll fuq is-soċjetà intimata LPTIC Services Limited li hija reġistrata f'Malta.

Mhuwiex ikkontestat bejn il-partijiet f'din il-proċedura li s-soċjetà intimata LPTIC Services Limited hija kumpannija rreġistrata f'Malta u għandha bħala unika azzjonista tagħha il-Libyan Post, Telecommunication and Information Technology Holding Company (minn issa 'l quddiem "LPTIC Holdings") li hija kumpannija Libjana proprjetà tal-Ministry of Telecommunications and Data Processing Libjan u għalhekk il-kapital tagħha huwa kollu tal-Istat Libjan.

L-intimat Rajab bin Rajab xehed li huwa deputat CEO ta' LPTIC Holdings u jirċievi l-istruzzjonijiet tiegħu mingħand iċ-Chairman ta' din il-kumpannija li min-naħa tiegħu jirrispondi għall-President tal-Assemblea Ġenerali ta' LPTIC Holdings li hu l-Ministru tat-Telekomunikazzjonijiet tal-Gvern tal-Lvant tal-Libja.

L-Assemblea Ġenerali ta' LPTIC Holdings neħħiet lir-rikorrent minn direttur tagħha u issa ġie ffissat General Meeting tas-soċjetà intimata LPTIC Services Limited għat-13 ta' Mejju, 2016 bi proposta biex ir-rikorrent jitneħħa minn direttur tas-soċjetà intimata LPTIC Services Limited.

Is-soċjetà intimata LPTIC Services Limited, għandha tliet diretturi, ir-rikorrent Dr Kaled Ali Ahmed Kagigi u l-intimati Rajab Fawzi R Ben Rajab u Dr Faisel Ahmed Gergab. Dr Gergab huwa Chairman, CEO u direttur tal-kumpannija Libjana LPTIC Holdings, filwaqt li Rajab huwa Deputat CEO tal-istess soċjetà Libjana. Ir-rikorrent Dr Kagigi kien direttur tal-kumpannija Libjana.

Issejjaħ General Meeting tas-soċjetà intima LPTIC Services Limited fit-13 ta' Mejju, 2016 u fuq l-aġenda kien hemm it-tneħħija tar-rikorrent minn direttur tas-soċjetà intimata LPTIC Services Limited.[5] Ir-rikorrent laqa' għal dan billi talab lil din il-Qorti tordna permezz tal-ħruġ tal-Mandat li din il-laqgħa ma ssirx sabiex ma jkun hemm l-ebda tibdil fl-amministrazzjoni tagħha.

**Kunsiderazzjonijiet ta' dritt**

Ir-rikorrent qiegħed jitlob il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni abbażi tal-Artikolu 873(1)(2) tal-Kap. 12 li jgħid dan li ġej:

> "873. (1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

[5] Ara l-aġenda esibita a fol. 143.

> (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet.".

Illi l-iskop ta' talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju lill-persuna li qed titlob il-ħruġ tal-mandat.[6]

Skont l-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti, ir-rikorrent irid juri li l-Mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu r-rikorrent sejjer isofri preġudizzju u li r-rikorrent jidher li għandu *prima facie*, mad-daqqa t'għajn, dawk il-jeddijiet.[7] Dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni.[8]

Barra minn hekk dawn iż-żewġ elementi rikjesti mil-liġi huma kriterji oġġettivi[9] u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat ta' din ix-xorta, il-Qorti għandha tagħti interpretazzjoni restrittiva peress li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju ieħor, isir fi żmien meta l-pretensjoni tar-rikorrent ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata.

---

[6] L-Artikolu 873(1) tal-Kap. 12.

[7] Ara Qorti tal-Kummerċ – 26 ta' Mejju, 1995 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs. Joseph Caruana Curran noe et** (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387).

[8] PA 27.11.2014 - **Josephine Camilleri et vs. Giuseppe sive Joseph Camilleri**.

[9] Ara App.Ċiv. 14.7.1988 fil-kawża fl-ismijiet **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfrè** (Kollez. Vol: LXXII.ii.290).

**Ikkunsidrat:**

Illi għalkemm ir-rikorrent jallega li hemm malamministrazzjoni tas-soċjetà intimata mill-konvenuti, dan jagħmlu biss bħala "retroxena" u jagħti bħala r-raġuni l-għala m'għandhiex tinżamm laqgħa ġenerali, annwali jew straordinarja, u l-għala m'għandux ikun hemm bdil fl-amministrazzjoni tal-kumpannija intimata, żewġ riżoluzzjonijiet tal-Kunsill Presidenzjali tal-'Gvern Libjan' (Government of National Accord) tat-12 ta' Jannar, 2016 u tal-4 ta' Mejju, 2016 li jordnaw illi ebda entità governattiva ma tista' tbiddel l-amministrazzjoni tagħha jew ta' entitajiet taħt il-kontroll tagħha u li ma ssir l-ebda laqgħa ġenerali ta' entitajiet li huma proprjetà tal-Gvern Libjan.

Illi t-talba tar-rikorrent hija mxekkla minn għadd ta' ostakli:

(1) Din il-Qorti tibda biex tirrileva qabel kull konsiderazzjoni oħra, illi permezz tad-digriet tagħha mogħti fid-9 ta' Mejju, 2016 ordnat li kull dokument li ġie anness mir-rikorrent mar-rikors tiegħu, jiġi esebit fil-verżjoni oriġinali tiegħu jew bħala kopja awtentikata tiegħu skont il-liġi. Ordnat ukoll illi kull dokument li suppost huwa maħruġ minn Gvern ta' Stat barrani u li ġie esebit mir-rikorrent flimkien mar-rikors tiegħu, ikun legalizzat ai termini tal-Artikolu 628 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula li:

"L-atti ta' Gvern barrani, jew ta' dipartiment ta' gvern barrani, jew ta' qrati ta'

> ġustizzja barranin, jew ta' stabbilimenti barranin, **awtentikati, mir-rappreżentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern ta' Malta fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu, jew minn persuna li tkun qed isservi f'servizz diplomatiku, konsulari, jew f'xi servizz ieħor barrani ta' xi pajjiż li b'arranġamenti tal-Gvern ta' Malta jkun qed jirrappreżenta l-interessi ta' dan il-Gvern f'dak il-pajjiż, jew minn awtorità oħra kompetenti, fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu,**[10] huma wkoll ammissibbli bi prova bl-istess mod bħad-dokumenti msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan.".

B'nota ppreżentata fis-16 ta' Mejju, 2016 ir-rikorrent ippreżenta fotokopji tar-Riżoluzzjoni 2259 tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda li approvat il-Government of National Accord u l-Presidency Council bħala l-Gvern leġittimu tal-Libja li tniżżlu mis-sit uffiċjali tal-Ġnus Magħquda, kif ukoll *press release* u artiklu ta' Reuters dwar l-istess Riżoluzzjoni.[11]

Waqt is-smigħ tal-24 ta' Mejju, 2016 ir-rikorrent ipprometta li se jesebixxi kopja legalizzata ai termini tal-artiklu 628 tad-dokumenti KK17 u KK18.[12]

B'nota ppreżentata fit-8 ta' Ġunju, 2016 ir-rikorrent esebixxa kopja tad-Digriet tat-13 ta' Jannar, 2016 u kopja tad-digriet tal-4 ta ' Mejju, 2016 li jgħid li huwa ttimbrat mill-Ministeru ghall-Affarijiet Barranin Libjan iżda mhux ittimbrat mill-Ambaxxata Libjana f'Malta u lanqas ma ġie legalizzat kif kellu jkun mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta.

Minkejja d-diversi opportunitajiet li ngħata r-rikorrent biex jagħmel dan, id-dokumenti msemmija, li allegatament huma atti ta' Gvern barrani, ma ġewx awtentikati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 628 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta'

[10] Enfażi ta' din il-Qorti.
[11] Fol. 156.
[12] Fol. 202.

Malta. Dan ifisser li huwa impossibbli li wieħed jasal biex jivverifika l-awtenticità tal-istess dokumenti, u għalhekk dawn mhumiex ammissibbli bħala prova f'dawn il-proċeduri u din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħhom.

(2) huwa fatt notorju li fil-Libja bħalissa hemm iktar minn Gvern wieħed. Ir-rikorrent ma ġab l-ebda prova li l-"Gvern" li jgħid li huwa s-sid tal-*holding company* Libjana u li allegatament ħareġ iż-żewġ riżoluzzjonijiet inkwistjoni, huwa dak rikonoxxut mill-Gvern Malti.

(3) L-avukat tar-rikorrent awtentika bħala vera kopja diversi dokumenti bl-Għarbi u t-traduzzjoni tagħhom minkejja li hu stess stqarr mal-Qorti li qatt ma kellu fil-pussess tiegħu l-oriġinal u ma stqarrx jekk jafx jaqra bl-Għarbi jew le. Dan apparti li "awtentika" l-ewwel faċċata biss tad-diversi dokumenti. Din il-Qorti lesta li tkun indulġenti f'ħafna affarijiet, iżda mhux sal-punt li sserraħ deċiżjoni importanti bħal inibizzjoni ta' soċjetà kummerċjali milli żżomm laqgħa ġenerali tal-azzjonisti abbażi ta' fotokopji ta' dokumenti relatati mal-istess soċjetà u li ma jiġux debitament awtentikati skont il-liġi.

(4) Kif stqarr huwa stess fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrent ma jirrappreżentax lill-Gvern Libjan u għalhekk m'għandu l-ebda interess ġuridiku li jinforza l-ordnijiet tal-istess Gvern. Jekk il-konvenuti sejrin jiksru xi ordni tal-Gvern Libjan, huwa dan il-Gvern li jista' jkollu xi jedd xi jħares f'dawn il-proċeduri u mhux ir-rikorrent. B'danakollu l-Gvern Libjan lanqas biss huwa parti fil-proċeduri.

(5) Illi fi kwalunkwe każ, ordnijiet maħruġin minn Gvern barrani m'għandhom

l-ebda forza jew effett normattiv f'Malta. Loġikament u ġuridikament, ma jista' jiskatta l-ebda jedd f'Malta minn ordnijiet bħal dawn.

(6) Kwalunkwe jedd li r-rikorrent jippretendi li għandu xi jħares irid joħroġ mil-liġi ta' Malta, u partikolarment minn xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta). Ir-rikorrent mhuwa qed jallega l-ebda irregolarità fis-sejħa tal-laqgħa ġenerali tas-soċjetà intimata. Lanqas huwa l-każ li qed jirrappreżenta xi azzjonisti minoritarji li qed jiġu oppressi mill-maġġoranza u li allura jinħtieġu l-ħarsien tal-Qorti minkejja li l-laqgħa ġenerali tkun sejra tinżamm ritwalment skont il-*memorandum and articles* tal-kumpannija u skont il-liġi.

Huwa dritt sovran tal-azzjonisti li permezz tal-organu suprem tal-kumpannija jaħtru u jneħħu lid-diretturi, għaliex dawn mhumiex impjegati imma persuni ta' fiduċja delegati mill-istess azzjonisti.

Direttur m'għandu l-ebda dritt jibqa' fil-kariga kontra r-rieda tal-azzjonisti għas-sempliċi raġuni li huwa mhu xejn għajr il-mandatarju tagħhom u kif inhu sewwa magħruf mandat jista' jintemm fi kwalunkwe żmien għad-diskrezzjoni assoluta tal-mandant. Apparti d-direttivi tal-Gvern Libjan, ir-rikorrent iġib, bħala raġuni l-għala m'għandhiex issir il-laqgħa ġenerali, anke jekk b'mod indirett u bħala "retroxena", allegazzjoni ta' malamministrazzjoni tal-ħwejjeġ tal-kumpannija. Imma lanqas minn dan l-aspett m'għandu interess ġuridiku – li dejjem irid ikun attwali, dirett u personali – għax jekk hemmx amministrazzjoni ħażina jew le ma jispettax lilu personali imma lill-azzjonisti (f'dan il-każ azzjonista waħda). Fil-verità, dak li qed jipprova jagħmel ir-

rikorrent b'dan il-mandat hu li jġib raġunijiet li jidhru li huma fl-interess tal-kumpannija mentri l-veru skop tiegħu hu li jsalva l-pożizzjoni tiegħu bħala direttur.

(7) Ġaladarba ma jirriżultax li r-rikorrent ghandu jedd *prima* facie xi jħares, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tindaga jekk hemmx ukoll il-*periculum in mora* u ċjoè l-element tal-irrimedjabilità li dan id-dritt jintilef għalkollox sakemm tinqata' l-kawża fil-mertu. B'danakollu, anke kieku għas-saħħa tal-argument ir-rikorrent kellu jedd *prima facie* xi jħares, xorta waħda dan l-element kien ikun mankanti għax ir-rikorrent m'għandu l-ebda dritt li jinsisti li jibqa' direttur jekk l-azzjonisti ma jriduhx imma semmai għandu r-rimedju li jitlob id-danni jekk jinstab li tneħħa minn direttur bi ksur tad-drittijiet tiegħu.

Illi in vista tas-suespost ma jirriżultax li l-jedd pretiż mir-rikorrent jeżisti *prima facie* u din il-Qorti tqis li f'dan il-każ lanqas l-elementi l-oħra rikjesti mil-liġi għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma ġew sodisfatti.

**<u>Decide</u>**

**Għalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tar-rikorrent għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati kif mitlub fir-Rikors.**

**Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tad-9 ta' Mejju, 2016 safejn it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati kienet ġiet milqugħa provviżorjament.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mir-rikorrent.**

Mogħti kameralment.